Ghaziz Capt. Nigel J. Dunkerly,

Nittama li tinsab tajjeb.

Nixtieqek tippermettili nirringrazzjak ta' l-esperjenza unika li tajt lil binti Yasmine (Bonanno) meta nhar it-Tlieta li ghaddew giet ghal titjira mieghek bhala l-premju li kienet rebhet ghal kompetizzjoni mnehdija fuq "Is-Saghtar".

Nghidlek il-verita' konna ppreparajniha bil-*camera* halli tiehu xi ritratti minn hemm fuq u ghalhekk kienet tassew sorpriza sabiha ghalina kollha meta inti ghedtilna li ghal xi hin kont ser thalli lil Yasmine tiehu l-kontroll ta' l-ajruplan taht l-assistenza tieghek. Nippreferi l-esperjenza unika li tajtha milli r-ritratti li setghet hadet.

Billi hi mgenna fuq l-ajruplani u dejjem tghid li x-xewqa taghha hi li ssir bdot jew ghall-anqas *air-hostess,* ghadek anqas inti stess ma tista' timmagina x'ferha tajtha (u lilna maghha) b'dik l-ahbar.

Hi l-ghaxqa taghha li f'kull *Air-Show* li jkun organizzat hawn Malta ddur l-ajruplani u l-*helicopters* kollha li jkun hemm ghall-wiri; l-aktar dawk li tkun tista' titla' fuqhom.

Is-sena li ghaddiet meta jiena tellajt wirja dwar l-ahhar gwerra dinjija fl-iskola fejn nghallem, hi kienet strumentali fil-fazi ta' preparazzjoni biex sabitli ghadd ta' partijiet minn ajruplani tat-tieni gwerra dinjija fil-mawriet li ghamilna fil-kampanja jew nghoddsu madwar il-kosta Maltija.

Hi anke kellha l-opportunita' tiltaqa' mill-qrib ma' diversi veterani mill-i*Spitfire Society (U.K.)* u specjalment ma' *Fl. Lt.* Charlie Brown, il-bdot ta' l-i*Spitfire* li gie hawn Malta ghall-*WWII Veterans' Reunion 2005* u tajjar l-i*Spitfire* li kien ingab proprju ghal dik l-okkazjoni storika.

Iltaqghet ukoll ma' l-ekwipagg kollu tal-grupp erobatiku Zvediz (**PC-7**) li s-sena li ghaddiet ta wirja fl-*Air Show* ta' Malta.

Il-wibsite tal-*European Pilot Academy* diga kkupjatha kollha kemm hi u qed tifli kull bicca li fiha.

Hi tifla li thobb l-avventura imma fl-istess hin kulltant toqghod lura hafna ghax misthija u kultant ma temminx fil-kapacitajiet li ghandha.

L-opportunita' li tajtha inti switilha hafna biex tatha kuragg kbir li tistinka aktar halli tilhaq l-ghan taghha. Bla ma forsi hsibt fiha imma inti tajtha fiducja kbira li jekk titfa' mohhha hemm tista' tasal anke fejn qabel kienet tahseb li kien impossibbli li tasal.

Jiena u marti konna diga' hsibna li naghtuha titjira ohra b'sorpriza imma rragunajna li malli tkun tista' hi (minhabba ragunijiet ta' studju) jkun aktar siewi jekk naghtuwa l-kors li l-*European Pilot Academy* toffri biex tharreg zghazagh biex jaqbdu karriera ta' bdoti.

Ghalhekk, minn qalbi, f'isem marti u f'ismi nirringrazzjak ta' dak kollu li swejt ghat-tifla taghna u nawgurawlek kull success fil-hidma tieghek.

Grazzi u tislijiet.

Eric u Josette Bonanno.

PDF created with FinePrint pdfFactory Pro trial version http://www.pdffactory.com